TRIBUNAL GHAL TALBIET
TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS
TRIBUNAL

Avviż Numru CCT 127/11

**Doris Camilleri**
**vs**
**Flamingo Complex**

Illum 2 t'Awwissu, 2012

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi pprezentati fit-23 ta' Marzu, 2011 fejn ir-rikorrenti talbet rifużjoni ta' mitejn u għoxrin ewro (€220), rappreżentanti prezz ta' *twin tub washing machine* illi bdiet tixxukjaha meta tużaha.

L-intimat ippreżenta risposta bil-miktub għal din it-talba u attenda għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li hija l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tal-intimata li huma rappreżentanti għas-soċjeta' intimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottomettiet bil-miktub illi hija kienet xtrat *twin tub washing machine* mingħand is-soċjeta' intimata għall-prezz ta' mitejn u għoxrin ewro (€220), u wara li bdiet tużha din bdiet tixxokkja, illi l-ewwel bdiet b'xokkijiet żgħar u mbagħad bdiet b'xokkijiet kbar, u għalhekk ma kinitx tajba għaliha.

Is-soċjeta' intimata ssottomettiet illi meta ħadha l-*workshop* għat-tiswija, innota li l-ilma kien dieħel ġewwa u dan minħabba l-fatt illi r-rikorrenti qegħda tuża ħafna ilma, tant li meta jiċċaqlaq jidħol ġewwa u tixxokkja, u li allura r-riżultat ta' dan huwa li m'għandhiex timtela b'ħafna ilma. Minkejja li reġgħet ħaditha, lir-rikorrenti xorta baqgħet tixxokkjaha.

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal, wara li sema' lill-partijiet, jinnota illi l-ispjegazzjoni tas-soċjeta' intimata hija kredibli stante li l-*washing machine* qegħda timtela b'ħafna ilma u għal dan il-motiv qed jidħol ġewwa u għalhekk qegħda tixxokkja.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jiċħad it-talba tar-rikorrenti, bl-ispejjeż jiġu supportati ugwalment bejn il-partijiet.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070, FAX: (+356) 21239888